# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 48

Il-Ħamis, 11 ta' April, 2019

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-14:15.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

ASSENTI:

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 48.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

48.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 48.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

48.2.1 Is-Sindku qal li l-avukat prepara l-agreement ta' bejn il-Kunsill u Każ no.5 sabiex tkun tista' tinqala l-bankina. Il-Kunsill qabel u dan ġie iffirmat.

48.2.2 Is-Sindku qal li kellu rikjesta sabiex isiru double yellow lines minn (Każ. No. 6) fis-sqaq ta' Kuna sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-apparat.

48.2.3 Is-Sindku fakkar fil-maintenance tal-Pjazza u issuġerixxa li tinbeda dritt wara li jeħles il-kuntrattur minn Triq id-Duluri. Il-Kunsill qabel.

48.2.4 Is-SE qalet li kella irċiviet mid-DLG li ħadna l-funds għall-iskema SPI 12/2018 – Ħajja Aħjar Permezz ta' Eżerċizzju u Sports.

48.2.5 Is-SE qalet li waslet email mingħand Dental Hygienist sabiex jagħmel talks mar-residenti tagħna. Sar qbil li nagħmlu din it-talk f'xi ħarġa lejn Ġunju

48.2.6 Is-SE qalet li waslet email mingħand l-AKL fejn daw avżaw li se jibqgħu joffru s-servizz ta' DPO sal-aħħar ta' Mejju. Sar qbil li nkellmu lir-Reġjun sabiex insibu soluzzjoni.

## 48.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri;

48.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li l-fanali ta Triq Wied il-Merill qed jitwaħħlu qishom shades illegali b'konsegwenza li jkun hemm ferm inqas dawl. Is-Sindku qal li fil-28 ta' Novembru 2018 il-Kunsill kien diġa neħħa din is-shade illegali pero apparentement din reġgħet saret.

48.3.2 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li kellmu (Każ no. 7) fejn saqsieħ jekk il-biċċa art tiegħu peress li kienet pavimentata bil-fondi tal-Ewropa għadiex filfatt tiegħu. Is-Sindku infurmaħ li kien hemm ftiehem ċar li allavolja sar il-pavimentar mill-Kunsill, dawk privati kienu se jibqgħu tal-privat.

46.3.3 Il-Kunsillier Carmen Grima qalet li kellmitha l-artista Sina Farrugia Micallef u saqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel il-pedamenti hu tal-proġett propost tagħha tal-Art in Public Spaces. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din m'hiex fil-proġetti ta' prijorita' tal-Kunsill.

## 48.4 Updates tal-Proġetti;

48.4.1 Is-Sindku qal li fi Triq id-Duluri ix-xogħol lest pero jonqos it-tieni kisja. Din tista' tinfetaħ għall-pubbliku sakemm tingħata t-tieni kisja.

48.4.2 Is-Sindku qal li rigward Triq il-Qasam, il-kuntrattur għadu ma bediex ix-xogħol u talab biex b'mod uffiċjali niktbu lill-kuntrattur dwar dan in-nuqqas.

48.4.3 Is-Sindku irrapporta li x-xogħol fuq l-Għajn fejn qal li fil-ġimgħat li ġejjien se titlesta. Hu kompla jgħid li se jiġi ppreparat ftehim t sabiex jittieħed id-dawl u ilma mid-Dar Parokkjali. Is-Sindku saqsa lil Kunsill jekk għandniex nagħtu xi ħaġa lil Kappillan bħala kumpens peress li qed nużaw id-dawl u l-ilma mid-dar parrokjali, barra li nagħtu tal-konsum. Il-Kunsill qabel li għandna nħallsu l-konsum.

48.4.4 Is-Sindku qal li rigward il-latrina il-Perit Scerri qallu li se jifinallizza u bħala Kunsill napprovaw l-applikazzjoni tal-latrina.

## 48.5 Direct Order;

48.5.1 Is-SE qalet li d-direct order approval daħlet pero il-karozza laħqet ġiet mibjugħa. Sar qbil li peress li għadda wisq żmien u qed nitilfu mill-potenzjal tal-proġett, noħorġu tender għall-fully electric vehicle li jkun għall-5 passengers.

## 48.6 Dementia Tech Friendly Project;

48.6.1 Is-Sindku qal lil Kunsill li xi drabi jiddubita kemm it-tabella tad-Dementia Friendly Project li jinsabu mar-raħal kollhu, humiex biżejjed biex jagħmlu differenza kontra din il-kundizzjoni. Is-Sindku propona li nagħmlu laqgħa għall-familjari tan-nies li jbatu minn din il-kundizzjoni u l-istakeholders kollha u naraw x'iktar ġid nistgħu noħolqu. Hu kompla jgħid li saħansitra ltaqgħa mal-Profs Maria Fenech u dehret li lesta li tgħin din il-kawża. Is-Sindku qal li l-Ministru għall-Għawdex ukoll wriet interess fil-proġett 'Dementia Tech Friendly' pero s'issa ma kellux risposta uffiċjali. Wara diskussjoni sar qbil li nagħmlu launch ta' dan l-event, il-Ħamis 16 ta' Mejju fis-19:30.

## 48.7 Tender Adjudication: Toroq Wied il-Merill, Wileġ u Ġebla tal-Ġeneral ;

48.7.1 Is-SE qalet li l-bord tal-adjudication iltaqgħa pero x'ħin raw l-offerti, waslu għall-konklużżjoni li kienu kollha over budget li kien stabbilixxa l-Kunsill. Bħala Kunsill sar qbil li nitolbu lil Ministeru sabiex jagħtuna l-full amount tal-irħas bidder.

## 48.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

48.8.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 48.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

48.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:15 u ġiet aġġornata għad-9 ta' Mejju 2019 fl-13:30.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv